32003R1668

L 244/32 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.9.2003

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1668/2003
## ta' l-1 ta' Settembru 2003
## li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 fir-rigward tal-format tekniku għat-trasmissjoni ta' l-istatistiċi strutturali tan-negozju u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2702/98 dwar il-format tekniku għat-trasmissjoni ta' l-istatistiċi strutturali tan-negozju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-istatistiċi strutturali tan-negozju [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1667/2003 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(viii) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistiċi tal-Komunità dwar l-istruttura, l-attività, ir-rendiment u l-kompetittività tas-settur bankarju u s-settur tal-fondi tal-pensjoni fil-Komunità.

(2) Sabiex tiġi ffaċilitata t-trasmissjoni ta' l-istatistiċi dwar l-infiq ambjentali, il-format tekniku li għalih hemm provdut bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2702/98 tas-17 ta' Diċembru 1998 dwar il-format tekniku għat-trasmissjoni ta' l-istatistiċi strutturali tan-negozju [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1614/2002 [4], għandu jiġi aġġustat. Ir-Regolament (KE) Nru 2702/98 iddefinixxa l-format tekniku għat-trasmissjoni tal-karatteristiċi strutturali tan-negozju elenkati fil-modulu komuni u l-moduli komuni għall-industrija, negozji ta' distribuzzjoni u kostruzzjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97. Hemm bżonn li dan il-format tekniku jiġi emendat sabiex jagħti kas taż-żieda tal-karatteristiċi fuq l-infiq ambjentali kif ukoll taż-żieda ta' l-analiżi skond l-oqsma ambjentali għal xi karatteristiċi tal-modulu dettaljat dwar l-industrija tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97.

(3) Hemm bżonn li jiġi speċifikat il-format tekniku għat-trasmissjoni ta' l-istatistiċi strutturali tan-negozju dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fondi tal-pensjoni elenkati fl-Annessi 6 u 7 għar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97 sabiex tiġi prodotta data komparabbli u armonizzata bejn l-Istati Membri, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' l-iżbalji fit-trasmissjoni ta' data u sabiex tiżdied il-veloċità li biha d-data miġbura tkun tista' tiġi pproċessata u magħmula disponibbli għall-utenti. Hemm bżonn li jiġi definit format tekniku ieħor għat-trasmissjoni tal-karatteristiċi tal-moduli dettaljati dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fondi tal-pensjoni minħabba li l-format tekniku ddefinit fir-Regolament (KE) Nru 2702/98 għat-trasmissjoni tal-karatteristiċi tal-modulu komuni u l-moduli dettaljati dwar l-industrija, negozji ta' distribuzzjoni u kostruzzjoni jipprovdi għal analiżi differenti tar-riżultati.

(4) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistikali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2702/98 huwa emendat bi qbil ma' l-Anness I għal dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 2*

Il-format tekniku li hemm referenza għalih fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97 għall-Anness 6 huwa definit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 3*

Il-format tekniku li hemm referenza għalih fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97 għall-Anness 7 huwa definit fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

---
(1) ĠU L 14, tas-17.1.1997, p. 1.
(2) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
(3) ĠU L 344, tat-18.2.1998, p. 102.
(4) ĠU L 244, tat-12.9.2002, p. 7.

*L-Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom japplikaw dan il-format għad-data dwar is-sena ta' referenza 2001 u s-snin sussegwenti, bl-eċċezzjoni tad-data ta' l-Anness 7 għal liema, għandu jiġi applikat dan il-format għad-data dwar is-sena ta' referenza 2002 u s-snin sussegwenti.

*L-Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Settembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Pedro SOLBES MIRA

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2702/98 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-istruttura tar-reġistrazzjoni deskritta fil-paragrafu 1, din il-filliera li ġejja hija miżjuda:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Tqassim skond id-dominju ambjentali | A | 4 | Kodiċi għad-dominju ambjentali (użat biss fl-industria)" |

2. Din is-serje li ġejja hija miżjuda mat-tabella fil-paragrafu 3.1 It-tip tas-serje:

| Tip tas-serje | Kodiċi |
|---|---|
| "Nefqa tal-protezzjoni ambjentali maqsuma bid-daqs tal-klassijiet | 2O" |

3. Din is-serje li ġejja hija intestata mill-ġdid fit-tabella fil-paragrafu 3.1. It-tip tas-serje

| Tip tas-serje | Kodiċi |
|---|---|
| "Nefqa tal-protezzjoni ambjentali maqsuma bid-dominji ambjentali | 2B" |

4. Il-varjabbli li ġejjin huma miżjuda mat-tabella fil-paragrafu 3.7. Varjabbli

| Varjabbli | Kodiċi |
|---|---|
| "Investiment f'apparat u impjant marbut ma teknoloġija aktar nadifa ('teknoloġija integrata') | 21 12 0 |
| Nefqa totali preżenti dwar il-protezzjoni ambjentali | 21 14 0" |

5. It-tabella li ġejja hija miżjuda:

"3.14. Tqassim skond id-dominji ambjentali

| Tqassim bil-prodott / dominji ambjentali | Kodiċi |
|---|---|
| Protezzjoni ta' l-arja u l-klima ambjentali | ED01 |
| L-amministrazzjoni ta' l-ilma maħmuġ | ED02 |
| L-amministrazzjoni ta' l-iskart | ED03 |
| Attivitajiet oħrajn tal-protezzjoni ambjentali | ED09" |

*ANNESS II*

## FORMAT TEKNIKU GĦALL-ISTATISTIKA DWAR L-ISTITUZZJONIJIET TAL-KREDITU

### 1. Il-format tad-*data*

Id-*data* hija mibgħuta bħal sett ta' dettalji li l-parti l-kbira minnhom tiddeskrivi l-karatteristiċi tad-*data* (pajjiż, sena, attività ekonomika, etc.). Id-*data* innifisha hija numru li jista' jkun marbut ma bnadar u postilli ta' spjegazzjoni użati, per eżempju, sabiex jiddeskribu l-aggregazzjonijiet tal-kodiċi NACE. *Data* konfidenzjali għandha tkun mibgħutha mal-valur reali li jkun reġistrat fil-qasam tal-valur u bandiera li tindika n-natura tad-*data* konfidenzjali li tkun miżjuda fir-reġistrazzjoni.

Sabiex ikun hemm preċiżjoni rigward in-natura tad-*data*, huma meħtieġ li jkun hemm distinzjoni bejn dawn il-każi speċjali li ġejjin:

— *data* egwali għal żero (kodifikata "0"): il-valuri reali ta' żero biss (il-fenomina li hija tiddeskrivi ma tkunx teżisti fil-pajjiż),

— *data* nieqsa (kodifikata "m"): din hija *data* li preżentament hija nieqsa imma li l-Istat Membru għandu l-intenzjoni li jformi meta tkun disponibbli,

— *data* mhix disponibbli: din hija *data* li ma tkunx miġbura fl-Istat Membru F'dan il-każ, ir-reġistrazzjoni korresspondenti ma tkunx mibgħuta.

Bħala mankanżah, jekk id-dimenzjoni intiera (varjabbli, kodiċi NUTS, kodiċi tad-Daqs tal-Klassi, etc.) ma tkunx miġbura, allura r-reġistrazzjoni korrispondenti ma tkunx teżisti (apparti milli għal dawk li huma nieqsa minħabba li huma jiffurmaw parti tar-raggrupar mill-ġdid tal-kodiċi NACE. Dan jispjega il-għala huwa importanti li jkun hemm distinzjoni fid-*data* li tasew ħija nieqsa billi tkun fornuta r-raġistrazzjoni (waħda għall-kull punt nieqed) li fih il-valur tad-data huwa kodifikat "m", u d-*data* li tasew hija egwali għall-żero billi jkunu fornuti r-reġistrazzjonijiet korrispondenti li fihom il-valur tad-*data* huwa stabbilit għal 0

### 2. Struttura tas-

sett tad-*data*

| | Qasam | Tip | Tul massimu | Valuri |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Serje | A | 2 | 6A, 6B, 6C, 6D, 6E, 6F, 6G, 6H. Kodiċi alfanumerika tas-serje (ara l-lista ta' hawn taħt) |
| 2 | Sena | A | 4 | Is-sena f'erba karattri, e.g. 2001 |
| 3 | Unità territorjali | A | 6 | Tikkorrespondi mal-kodiċi tal-pajjiż għal serje nazzjonali jew għal kodiċi NUTS 99 tar-reġjun għal serje reġjonali: NUTS 99 hija n-nomeniklatura l-ġdida li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 1999 |
| 4 | Attività ekonomika | A | 4 | Kodiċi NACE rev.1 |
| 5 | Kejl | A | 3 | Varjabbli - tip ta' kejl |
| 6 | Unità | A | 4 | Unità |
| 7 | Varjabbli | A | 5 | Kodiċi varjabbli. Il-kodiċi stabbiliti fl-Anness 6 tar-Regolament SBS għandhom 5 karattri (ara l-lista ta' hawn taħt) |

| | Qasam | Tip | Tul massimu | Valuri |
|---|---|---|---|---|
| 8 | Klassi tad-daqs | A | 4 | Kodiċi tal-klassi tad-daqs (ara l-lista ta' hawn taħt) |
| | jew | | | |
| | Residenza ta' l-impriża paterna | | | Kodiċi għall-pajjiż tar-residenza ta' l-impriża paterna (ara l-lista ta' hawn taħt) |
| | jew | | | |
| | kategorija | | | Kodiċi għall-kategorija ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (ara l-lista ta' hawn taħt) |
| 9 | Tqassim skond il-prodott | A | 6 | Tikkorrespondi mal-kodiċi CPA (ara l-lista ta' hawn taħt) |
| 10 | Status legali jew | A | 4 | Kodiċi għall-istatus legali ta' l-impriża (ara l-lista ta' hawn taħt) |
| | Tqassim ġeografiku | | | Kdiċi għat-tqassim ġeografiku jew tal-pajjiżi sieħba (ara l-lista ta' hawn taħt) |
| 11 | Valur tad-*data* | A | 12 | Valur numeriku għad-*data* (valuri negattivi huma preċedudi bis-sinjal rig "-" espress bħala numru sħiħ mingħajr postijiet deċimali. "M" għandha tkun uzata jekk id-*data* ma tkunx mibgħuta minħabba li tkun nieqsa |
| 12 | Bandiera tal-kwalità | A | 1 | R: *data* reveduta. M: *data* aġġornata. P: *data* proviżorja |
| 13 | Bandiera tal-konfidenzjalità | A | 1 | A. B. C. D: jindikaw li d-data hija konfidenzjali u r-raġini għal dik il-konfidenzjalità (ara l-lista ta' hawn taħt). Spazju vojt jindika *data* mhux-konfidenzjali |
| 14 | Dominanza | N | 3 | Valur numeriku anqas minn jew egwali għal 100. Dan jindika d-dominanza tal-persentaġġ ta' waħda jew aktar impriżi li jiddominaw id-data u li jagħmluha konfidenzjali. Il-valur huwa mqarreb lejn l-eqreb numru sħiħ e.g. 90.3 isir 90, 94.5 isir 95. Dan il-qasam huwa vojt għal *data* mhux-konfidenzjali. Dan il-qasam huwa użat biss meta l-bnadar tal-konfidenzjalità B jew C huma wżati fil-qasam preċedenti |
| 15 | Postilli | A | 250 | Nota libera dwar id-*data* |

*NB:* A = alfanumerika. N = numerika

## 3. Deskrizzjoni ta' l-oqsma

### 3.1. *Serje*

| Tip tas-serje | Kodiċi |
|---|---|
| Statistika annwali ta' l-impriża | 6A |
| Statistika annwali ta' l-impriża mqassma bl-istatus legali | 6B |

| Tip tas-serje | Kodiċi |
|---|---|
| Statistika annwali ta' l-impriża imqassma skond il-pajjiż tar-residenza ta' l-impriża paterna | 6C |
| Statistika annwali ta' l-impriża imqassma skond il-kategorija ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu | 6D |
| Statistika annwali ta' l-impriża imqassma skond bid-daqs tal-klassi | 6E |
| Statistika annwali ta' l-impriża imqassma skond bil-prodott | 6F |
| Statistika annwali ta' l-impriża bi tqassim ġeografiku | 6G |
| Statistika annwali reġjonali | 6H |

3.2. *Sena*

3.3. *Unità territorjali*

Dan il-kodiċi tikkorrespondi mall-pajjiż għas-serje nazzjonali jew għar-reġjun għas-serje reġjonali (is-serje 6H). Hija ibażata fuq il-kodiċi NUTS 99. Għar-reġjuni, żewġ karattri huma miżjuda maż-żewġ karattri tal-pajjiż (ara NUTS 99).

| Pajjiż | Kodiċi |
|---|---|
| Il-Belġju | BE |
| Id-Danimarka | DK |
| Il-Ġermanja | DE |
| Il-Greċja | GR |
| Spanja | ES |
| Franza | FR |
| L-Irlanda | IE |
| L-Italja | IT |
| Il-Lussemburgu | LU |
| L-Olanda | NE |
| L-Awstria | AT |
| L-Portugall | PT |
| Il-Finlandja | FI |
| L-Isvezja | SE |
| Ir-Renju Unit | UK |
| L-Islanda | IS |
| Leichtenstein | LI |
| In-Norveġja | NO |
| L-Isvizzera | CH |

3.4. *Attività ekonomika*

| It-titolu ta' l-attività ekonomika - NACE rev. 1 | Kodiċi |
|---|---|
| Intermedjarji monetarji oħrajn | 6512 |
| Oħrajn li jagħtu l-kreditu | 6522 |

3.5. *Kejl*

| Kejl | Kodiċi |
|---|---|
| Munita nazzjonali | NC |
| Euro | EUR |
| Numru | NBR |

3.6. *Unità*

| Unità | Kodiċi |
|---|---|
| Unità | Unit |
| Eluf | 1 000 |
| Miljuni | MIO |
| Biljuni | BIO |

3.7. *Varjabbli*

| Titolu varjabbli | Kodiċi |
|---|---|
| *Data strutturali* | |
| *Numru ta' impriżi* | 11 11 0 |
| Numru ta' impriżi mqassma bl-istatus legali | 11 11 1 |
| Numru ta' impriżi mqassma skond ir-residenza ta' l-impriża paterna | 11 11 4 |
| Numru ta' impriżi mwassma skond id-daqs tat-totali tal-*balance-sheet* | 11 11 6 |
| Numru ta' impriżi mqassma bil-kategorija ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu | 11 11 7 |
| **Numru ta' unitajiet lokali** | 11 21 0 |
| Numru totali ta' friegħi imqassma skond il-lokalità f'pajjiżi li ma humiex taż-ŻEE | 11 41 0 |
| Bumru totali ta' sussidjari finanzjarji imqassma skond il-lokalità f'pajjiżi oħrajn | 11 51 0 |
| *Data tal-kontijiet: Kont tal-qligħ u telf* | |
| Imgħaxijiet pagabbli u imposti simili | 42 11 0 |
| Imgħaxijiet pagabbli u imposti simili marbuta ma kambjali profondi kif maħruġa | 42 11 1 |
| Introjtu minn kambjali | 42 12 0 |

| Titolu varjabbli | Kodiċi |
|---|---|
| Imgħaxijiet riċevibbli u dħul simili | 42 12 1 |
| Imgħaxijiet riċevibbli u dħul simili li jirriżulta minn kambjali ta' dħul fiss | 42 13 0 |
| Introjtu minn ishma u minn kambjali oħrajn ta' riżultati-varjabbli | 42 13 1 |
| Senserija riċevibbli | 42 14 0 |
| Senserija pagabbli | 42 15 0 |
| Qligħ nett, jew telf nett, minn operazzjoniet finanzjarji | 42 20 0 |
| Dħul opetattiv ieħor | 42 31 0 |
| Spejjeż amministrattivi ġenerali | 42 32 0 |
| Spejjeż amministrattivi ġenerali oħrajn | 42 32 2 |
| Imposti operattivi oħrajn | 42 33 0 |
| Aġġustamenti tal-valur u l-aġġustamenti mill-ġdid tal-valur fir-rigward ta' self u avvanżi u l-provvedimenti għall-responsabbiltajiet kontinġenti u għall-impenji | 42 35 0 |
| Aġġustamenti oħrajn u l-aġġustament mill-ġdid tal-valuri | 42 36 0 |
| Qligħ jew telf minn attivitajiet normali | 42 40 0 |
| Qligħ jew telf staordinarju | 42 50 0 |
| It-taxxi kollha (it-taxxa fuq il-qligħ jew telf minn attivitajiet normali, taxxa fuq il-qligħ jew telf staordinarju, taxi oħrajn) | 42 51 0 |
| Qligħ jew telf għas-sena finanzjarja | 42 60 0 |
| **Valur tal-produzzjoni** | 12 12 0 |
| **Valur miżjud fil-prezzijiet bażiċi** | 12 14 0 |
| **Valur miżjud fin-nefqa fattorjali** | 12 15 0 |
| **Ix-xiri totali ta' oġġetti u servizzi** | 13 11 0 |
| **Spejjeż personali** | 13 31 0 |
| **Investiment gross f'oġġetti intanġibbli** | 15 11 0 |
| **Data tal-kontijiet: Balance-sheet** | |
| Self u avvanzi lill-klienti | 43 11 0 |
| Ammonti dovuti lill-klienti | 43 21 0 |
| Total tal-kapital u r-riservi | 43 29 0 |
| Total tal-*Balance-sheet* | 43 30 0 |
| Total tal-*Balance-sheet* imqassam skond ir-residenza ta' l-intrapriża paterna | 43 31 0 |
| Total tal-*Balance-sheet* imrassam skond l-istatus legali | 43 32 0 |
| *Data skond il-prodotti* | |
| Imgħax riċevibbli u dħul simili imqassam bi (sub)kategoriji tal-CPA | 44 11 0 |
| Imgħax pagabbli u imposti simili imqassam bi (sub)kategoriji tal-CPA | 44 12 0 |
| Senserija riċevibbli imqassma bi (sub)kategoriji tal-CPA | 44 13 0 |
| Senserija pagabbli imqassma bi (sub)kategoriji tal-CPA | 44 14 0 |

| Titolu varjabbli | Kodiċi |
|---|---|
| *Data dwar l-internazzjonalizzazzjoni* | |
| Tqassim ġeografiku bin-numru totali ta' frieghi ŻEE | 45 11 0 |
| Tqassim ġeografiku bl-imgħax riċevibbli u introjtu simili | 45 21 0 |
| Tqassim ġeografiku bit-total tal-*balance-sheet* | 45 22 0 |
| Tqassim ġeografiku bl-imgħax riċevibbli u introjtu simili permeżż tal-libertà li jkun ipprovdut negozju tas-servizzi (f'pajjiżi ŻEE oħrajn) | 45 31 0 |
| Tqassim ġeografiku bl-imgħax riċevibbli u introjtu simili permezz ta' frieghi tan-negozju (f'pajjiżi mhux tal-ŻEE) | 45 41 0 |
| Tqassim ġeografiku bl-imgħax riċevibbli u introjtu simili permeżż tal-libertà li jkun ipprovdut negozju tas-servizzi (f'pajjiżi mhux tal-ŻEE) | 45 42 0 |
| **Data dwar l-mpiegi** | |
| Numru ta' persuni impjegati | 16 11 0 |
| Numru ta' persuni impjegati mqassma bil-kategorij ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu | 16 11 1 |
| Numru ta' nisa impjegati | 16 11 2 |
| Numru ta' impjegati | 16 13 0 |
| Numru ta' impjegati femminili | 16 13 6 |
| Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti għal "*full-time*" | 16 14 0 |
| **Data residwali** | |
| Numru ta' kontijiet imqassma bis-(sub)kategorji tal-CPA | 47 11 0 |
| Numru ta' self u avvanzi lejn il-klienti imqassma bis-(sub)kategorji tal-CPA | 47 12 0 |
| Numri ta' magni awtomatiċi tal-flus (ATM) li jappartienu lill-istituzzjoni tal-kreditu | 47 13 0 |

3.8. *Daqs tal-Klassi / Residenza ta' l-impriża paterna / Kategorija*

| Klassi tad-daqs tat-total tal-*balance-sheet* | Kodiċi |
|---|---|
| > EUR 99 999 Mio | SC01 |
| EUR 10 000-99 999 Mio | SC02 |
| EUR 1 000-9 999 Mio | SC03 |
| EUR 100-999 Mio | SC04 |
| < EUR 100 Mio | SC05 |

| Pajjiż tar-resident ta' l-impriża paterna | Kodiċi |
|---|---|
| Impriża paterna lokalizzata fl-Istat Membru ospitanti | RE01 |
| Impriża paterna lokalizzata f'pajjiżi oħrajn | RE02 |

| Kategorija ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu | Kodiċi |
|---|---|
| Banek liċenzati | CA01 |
| Istituzzjonijiet speċjalizzati ta' l-għoti tal-kreditu | CA02 |
| Istituzzjoni ta' kreditu oħrajn | CA03 |

3.9. *Tqassim skond il-prodotti*

| Prodotti | Kodiċi |
|---|---|
| Servizzi tat-teħid ta' depositi inter-industria | 651211 |
| Servizzi tat-teħid ta' depositi standardizzati | 651212 |
| Servizzi tat-teħid ta' depositi mhux-standardizzati | 651213 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu inter-industria | 651221 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu lil-konsumaturi | 651222 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu dwar *mortgage* | 651223 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu kummerċjali | 651224 |
| Servizzi oħrajn ta' l-għoti ta' krediru n.e.c. | 651225 |
| Servizzi intermedjarji monetarji oħran n.e.c | 65123 |
| Servizzi ta' kiri finanzjarju | 6521 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu inter-industria | 65221 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu lil-konsumaturi | 65222 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu dwar *mortgage* | 65223 |
| Servizzi ta' l-għoti ta' kreditu kummerċjali | 65224 |
| Servizzi oħrajn ta' l-għoti ta' krediru n.e.c. | 65225 |
| Servizzi ta' investiment bankarju | 65231 |
| Servizzi intermedjarji finanzjarji oħran n.e.c | 65232 |
| Servizzi ta' senserija tal-kambjali | 67121 |
| Servizzi ta' l-amministrazzjoni tal-fondi | 67122 |
| Servizzi awżiljarji oħrajn għall-inter-medjazzjoni finanzjarja n.e.c. | 6713 |
| Servizzi ta' senserij | 6721 |
| Servizzi awżiljarji oħrajn għall-fondi ta' l-assigurazzjoni u l-penzjonijiet n.e.c. | 6722 |

3.10. *Status legali / Tqassim ġeografiku*

| Status legali | Kodiċi |
|---|---|
| Impriżi inkorporati limita bl-ishma | LS01 |
| Impriżi koperattivi | LS02 |
| Impriżi tal-liġi-pubblika | LS03 |
| Frieghi ta' impriżi bl-uffiċċju ewlieni f'pajjiżi mhux ŻEE | LS04 |
| Oħrajn | LS05 |
| **Pajjiżi u gruppi ta' pajjiżi** | **Kodiċi** |
| Belgique/Belgie | BEL |
| Danmark | DNK |
| Deutschland | DEU |

| Pajjiżi u gruppi ta' pajjiżi | Kodiċi |
|---|---|
| Ελλαδα | GRC |
| España | ESP |
| France | FRA |
| Ireland | IRL |
| Italia | ITA |
| Luxembourg | LUX |
| Nederland | NLD |
| Österreich | AUT |
| Portugal | PRT |
| Suomi/Finland | FIN |
| Sverige | SWE |
| United Kingdom | GBR |
| Island | ISL |
| Liechttenstein | LIE |
| Norge | NOR |
| Schweiz/Suisse/Svizzera | CHE |
| USA | USA |
| Ġappun | JPN |
| Fl-Istat Membru ta' l-Uffiċċju Ewlieni | MSHO |
| Fi Stat Membru ieħor | OMS |
| F'pajjiżi ŻEE oħrajn | OEEA |
| F'pajjiżi terzi (il-kumplament tad-dinja) | THCO |

3.11. *Il-valur tad-data*

Id-*data* monetarja hija espresss f'miljuni ta' l-unitajiet tal-munita nazzjonali jew f'euro (għall-dawk il-pajjiżi li huma membri fiż-żona ta' l-Euro).

Sabiex ikun hemm preċiżjoni rigward in-natura tad-*data*, huma meħtieġ li jkunu distingwiti dawn il-każi li ġejjin:

— *data* egwali għal żero (kodifikata "0"): il-valuri reali ta' żero biss (il-fenomina li hija tiddeskrivi ma tkunx teżisti fil-pajjiż),

— *data* nieqsa (kodifikata "m"): din hija *data* li preżentament hija nieqsa imma li l-Istat Membru għandu l-intenzjoni li jformi meta tkun disponibbli,

— *data* mhix disponibbli: Din hija *data* li ma tkunx miġbura fl-Istat Membru. F'dan il-każ, ir-reġistrazzjoni korresspondenti ma tkunx mibgħuta.

Bħala mankanżah, jekk id-dimenzjoni intiera (varjabbli, kodiċi NUTS, etc.) ma tkunx miġbura, allura r-reġistrazzjoni korrispondenti ma tkunx teżisti (apparti milli għal dawk li huma nieqsa minħabba li huma jiffurmaw parti tar-raggrupar mill-ġdid tal-kodiċi NACE. Din hija r-raġuni il-għala huwa importanti li jkun hemm distinzjoni bejn id-*data* li tasew hija nieqsa bil-forniment tar-reġistrazzjoni (wieħed għal kull punt nieqes) li fih il-valur tad-*data* huwa kodifikat bħala "m".

3.12. *Bandiera tal-kwalità*

| Tip tad-*data* | Bandiera |
|---|---|
| *Data* reveduta | R |
| *Data* aġġornata | M |
| *Data* proviżorja | P |

*Data* reveduta tirreferi għal *data* li hija mibgħuta għat-tieni (jew aktar) drabi u li huma korrezzjonijiet tad-*data* li kienet ġiet mibgħuta preċedentament.

*Data* aġġornata tikkonċerna data li preċedentament ma kienetx disponibbli u li kienet kodifikata bħala nieqsa fil-qasam tal-valur tad-*data* (ara 3.11 hawn fuq) imma li minn dak iż-żmien saret disponibbli.

Il-bandiera li tindika *data* proviżorja għandha tkun użata sabiex tindika li pjuttost li dik id-*data* kif trasmessa tista tkun korretta.

3.13. *Bandiera tal-konfidenzjalità*

L-Istati Membri huma mitluba sabiex kjarament jindikaw id-*data* konfidenzjali billi jużaw il-bnadar elenkati hawn taħt:

Il-pajjiżi li ma jistgħux jingħatu *data* konfidenzjali huma mitluba sabiex jassenjaw il-valur "x" (ara 3.11 ta' hawn fuq) u li jindikat bl-użu ta' bandiera li d-*data* hija nieqsa minħabba l-konfidenzjalità.

| Raġuni għall-konfidenzjalità | Bandiera |
|---|---|
| Numri ftit wisq ta' impriżi | A |
| Impriża waħda tiddomina d-data | B |
| Żewġ impriżi jiddominaw id-data | C |
| *Data* konfidenzjali minħaba konfidenzjalità sekondarja | D |

3.14. *Dominanza*

Valur numeriku anqas minn jew egwali għal 100. Dan jindika id-dominanza perċentwali ta' impriża waħda jew ta' żewġ impriżi li jiddominaw id-*data* u li jagħmluha konfidenzjali. Il-valur huma mqarreb lejn l-eqreb numru sħiħ: e.g. 90.3 isir 90, 94.50 isir 95. Dan il-qasam huwa vojt għal data mhux konfidenzjali. Dan il-qasam huwa wżat biss meta l-bnadar tal-konfidenzjalità B jew C huma wżati fil-qasam preċedenti.

3.15. *Postilla*

Nota libera dwar id-*data* b'tul massimu ta' 250 karattru.

4. **Għamla elettronika**

Id-*data* u l-*metadata*, fornuti b'konformità ma dan ir-regolament għandha tkun mibngħuta fil-għamla elettronika minn għand l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti lejn il-Eurostat. It-trasmissjoni għandha tkun konformi man-norma ta' l-inter-skambju xieraq kif approvat mill-Kumitat tal-Programm Statistiku (SPC). Il-Eurostat għandha tagħmel disponibbli dokumentazzjoni dettaljata b'relazzjoni man-norma(i) approvati u għandha tforni linji ta' gwida dwar kif għandha tkun (ikunu) implimentata(i) din in-norma(i) skond il-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament.

5. **Arranġamenti transitorji**

Matul perijodu transitorju, id-*data* tistgħa tkun mibgħutha bħala file ċatt fil-formatt ASCII, b'kull sett ta' data jkun reġistrazzjoni waħda li jkollha l-punt-u-l-virgola ";" bħala separazzjoni tal-qasam u l-karattru tal-"*carriage rerurn*" (kodiċi ħexadeċimali ASCII "0D") u/jew il-karattru tal-"*linefeed*" (kodiċi ħexadeċimali ASCII "0A") bħala separatur tar-reġistrazzjoni.

6. **Reġistrazzjoni ta' l-eżempji**

*Eżempju 1:*

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Serje | Sena | Unità teri-torjali | Atti-vità ekono-mika | Unità mone-tarja | Unità | Var jabbli | Klassi tad-daqs/ Resi-denza ta' l-im-priża paterna/ Kate-gorija | Tqas-sim tal-pro-dotti | Status legali/ Tqassim ġeogra-fiku | Valur tad-*data* | Ban-diera tal-kwa-lità | Ban-diera tal-konfi-denzja-lità | Domi-nanza |
| 6A | 2001 | BE | 6512 | NER | UNITÀ | 11110 | | | | 87 | | | |

Il-Belġju jiddikjara fis-serje 6A (Statistika annwali ta' l-impriżi) għas-sena referenza 2001, fil-NACE rev. 1 klassi 65.12: 87 impriżi. Id-data hija mhux-konfidenzjali.

6A; 2001; BE; 6512; NBR; UNIT; 11110;;;; 87;;;;

*Eżempju 2:*

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Serje | Sena | Unità teri-torjali | Atti-vità ekono-mika | Unità mone-tarja | Unità | Var jabbli | Klassi tad-daqs/ Resi-denza ta' l-im-priża paterna/ Kate-gorija | Tqas-sim tal-pro-dotti | Status legali/ Tqassim ġeogra-fiku | Valur tad-*data* | Ban-diera tal-kwa-lità | Ban-diera tal-konfi-denzja-lità | Domi-nanza |
| 6B | 2001 | DK | 6511 | NER | UNITÀ | 11111 | | | LS02 | 25 | | | |

Id-Danimarka tiddikjara fis-serje 6B (Statistika annwali ta' l-impriżi maqsuma skond l-istatus legali) għas-sena referenza 2001, fil-NACE rev. 1 klassi 65.12: 25 impriża bi status legali: impriżi koperattivi. Id-data hija mhux-konfidenzjali.

6B; 2001; DK; 6512; NBR; UNIT; 11111;;; LS02; 25;;;;

*Eżempju 3:*

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Serje | Sena | Unità teri-torjali | Atti-vità ekono-mika | Unità mone-tarja | Unità | Var jabbli | Klassi tad-daqs/ Resi-denza ta' l-im-priża paterna/ Kate-gorija | Tqas-sim tal-pro-dotti | Status legali/ Tqassim ġeogra-fiku | Valur tad-*data* | Ban-diera tal-kwa-lità | Ban-diera tal-konfi-denzja-lità | Domi-nanza |
| 6C | 2001 | PT | 6512 | EUR | MIO | 433LD | R801 | | | 23567 | P | A | |

Il-Portugall jiddikjara fis-serje 6C (Statistika annwali ta' l-impriżi maqsuma skond il-pajjiż tar-residenza ta' l-impriża paterna) għas-sena referenza 2001, fil-NACE rev. 1 klassi 65.12: total ta' *balace-sheet* ta' EUR 23 567 Mio għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li l-impriża paterna tinsab ġewwa l-Istat Membru ospitanti Id-*data* hija proviżorja kif ukoll konfidenzjali minħabba li hemm ftit wisq impriżi.

6C; 2001; PT; 6512; EUR; MIO; 43310; RE01;:; 23567; P; A;:

*Eżempju 4:*

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Serje | Sena | Unità teri-torjali | Atti-vità ekono-mika | Unità mone-tarja | Unità | Var jabbli | Klassi tad-daqs/ Resi-denza ta' l-im-priża paterna/ Kate-gorija | Tqas-sim tal-pro-dotti | Status legali/ Tqassim ġeogra-fiku | Valur tad-*data* | Ban-diera tal-kwa-lità | Ban-diera tal-konfi-denzja-lità | Domi-nanza |
| 6D | 2001 | ES | 6512 | NER | UNITÀ | 16111 | C401 | | | 135 | | | |

Spanja tiddikjara fis-serje 6D (Statistika annwali ta' l-impriżi maqsuma bil-kategorija ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu) għas-sena referenza 2001, fil-NACE rev. 1 klassi 65.12: 130 persuna impjegati fil-kategorija ta' banek liċenzati. Id-data hija mhux-konfidenzjali.

6D; 2001; ES; 6512; NBR; UNIT; 16111; CA01;:; 130;:;:

*Eżempju 5:*

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
